

Dispożittiv

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) LM hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 414, 14.12.2015.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' Ġunju 2016 – Klymenko vs Il-Kunsill

(Kawża T-494/14) ⁽¹⁾

(“Rikors għal annullament — Politika estera u ta’ sigurtà komuni — Miżuri restrittivi adottati fir-rigward tas-sitwazzjoni fl-Ukraina — Iffriżar ta’ fondi — Lista ta’ persuni, entitajiet u korpi li għalihom japplika l-iffriżar tal-fondi u tar-riżorsi ekonomiċi — Inklużjoni tal-isem tar-rikorrent — Terminu għall-preżentata tar-rikors — Ammissibbiltà — Prova tal-fondatezza tal-inklużjoni fil-lista — Rikors manifestament fondat”)

(2016/C 305/47)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Oleksandr Klymenko (Kiev, l-Ukrajna) (rappreżentanti: M. Shaw, QC, u I. Quirk, barrister)

Konvenuta: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Vitro u J. P. Hix, aġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/216/PESK, tal-14 ta’ April 2014, li timplimenta d-Deċiżjoni 2014/119/PESK, dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU 2014, L 66, p. 26), u r-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 381/2014, tal-14 ta’ April 2014, li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 208/2014, dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU 2014, L 66, p. 1), huma annullati sa fejn jikkonċernaw lir-rikorrent.

Dispożittiv

- 1) *Id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/216/PESK, tal-14 ta’ April 2014, li timplimenta d-Deċiżjoni 2014/119/PESK, tal-5 ta’ Marzu 2014, dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukraina, u r-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 381/2014, tal-14 ta’ April 2014, li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 208/2014, tal-5 ta’ Marzu 2014, dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukraina, huma annullati sa fejn jikkonċernaw lil Oleksandr Klymenko.*
- 2) Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea huwa kkundannat ibati, minbarra l-ispejjeż tiegħu, dawk sostnuti minn O. Klymenko.

⁽¹⁾ ĠU C 292, 1.9.2014.